MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1503/2002

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Victor Muscat sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Victor Muscat**

**vs**

**Sharon Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm198.33) rappresentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li sehh fi Triq l-Ispiera, Swieqi, nhar it-3 ta' Mejju 2000 bejn il-vettura bin-numru DBG547, misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru EAW612, proprjeta ta' Victor Muscat assikurata mas-socjeta attrici, liema

incident gara unikament tort ta’l-imperizja, negligenza u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta u dana prevja dikjarazzjoni illi ghal incident tahti unikament l-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar 2001 u bl-imghaxijiet mid-data ta’l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-30 ta’ Lulju 2002 fejn gie ecceppiet illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici u dana peress illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’l-assikurat tas-socjeta attrici Victor Muscat, minhabba imperizja, traskuragini u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta fis-seduta ta’l-14 ta’ Ottubru 2002, fejn gie ecceppiet illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga ipprezentati minnha, minn indaginijiet jirrizulta illi l-kollizzjoni in kwistjoni fil-fatt qatt ma sehhet, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi qatt ma kienet involuta fil-kollizzjoni in kwistjoni.

Sema' x-xhieda ta’ PS547 Martin Agius, ta’ Mark Axiak in rappresentanza tas-socjeta attrici, tal-kontendenti, kif ukoll ta’ Anthony Cachia u ta’ WPC185, Vanessa Xuereb.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe’ Dokument MA, konsistenti fir-*road accident report*, Dokumenti MA1 sa MA10 li huma ir-ricevuti tal-hsarat, flimkien mas-*subrogation form* u id-Dokumenti SC1 sa SC4, ritratti esebiti mill-konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fi Triq l-Ispiera gewwa s-Swieqi filwaqt illi l-konvenuta kienet hierga mill-

garaxx li jinstab biswiet ir-residenza taghha. L-attur jallega illi huwa kien ghaddej minn Triq l-Ispiera u kien bi hsiebu jipparkeggja vicin l-ispizerija li kienet tinstab f'tarf it-triq. F'dak il-mument kien qieghed jaqsam ragel xih u ghalhekk l-attur irrallenta sabiex jaqsam dan ir-ragel, qabel ma dahal sabiex jipparkeggja fil-*parking space* li kien hemm vicin din l-ispizerija. F'dan il-mument huwa sema' hoss fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu u meta nizel mill-karozza u induna illi l-konvenuta li kienet hierga bir-*reverse* mill-garaxx taghha baqghet diehla fih. Huwa jichad illi f'dak il-mument kien qieghed jirriversja kif bdiet tallega l-konvenuta dak il-hin. Gara illi ghalkemm huwa xtaq igib pulizija, l-konvenuta u ir-ragel taghha, li f'dak il-mument hareg mid-dar, ma redux u fil-fatt l-konvenuta telqghet minn fuq il-post. Ghalhekk l-attur mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija, liema rapport kien sar minn P.S.547, Martin Agius li xehed f'dawn il-proceduri u qal illi kien anke kellem lill-konvenuta meta irnexxielu jirrintraccaha. L-verzjoni moghtija lill-pulizija minn Sharon Cachia kienet tghid illi filwaqt illi hija kienet hierga mill-garaxx taghha, kienet ghaddejja il-vettura ta'l-attur minn warajha, hija waqqfet, izda meta rat li l-vettura l-ohra baqghet ghaddejja hija harrget mill-garaxx.

Min-naha taghha l-konvenuta, ghalkemm tiftakar l-okkazzjoni meta sehh dan l-incident tichad fil-fatt illi hija habtet fil-vettura ta'l-attur. Hija tghid illi filwaqt li kienet hierga mill-garaxx, waqqfet biex tirranga il-mera u rat vettura ghaddejja minn warajha. Stenniet sakemm ghaddiet il-vettura, imbaghad harrget. Hija tghid illi f'dan il-mument il-vettura taghha kienet qabbzet il-bankina u l-parti ta' wara kienet nizzlet ghal fuq it-triq. Tiftakar lill-attur jakkuzaha illi hija habbtet fih, izda hija baqghet tinsisti mieghu illi ma kienet habtet fih fl-ebda mument u li l-vettura taghha ma kienx fiha hsarat. Dana gie ikkonfermat mir-ragel taghha Anthony Caruana. Anthony Caruana madanakollu ighid illi l-vettura ta' martu ma kienitx qabbzet il-bankina.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi z-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta huma kemmxejn kontraddittorji ghaliex filwaqt illi hija qieghda tallega illi l-incident sehh

minhabba traskuragini u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta'l-attur, imbaghad tissollevva eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-incident stradali mertu tal-kawza qatt ma sehh u tichad illi hija qatt habtet mal-vettura misjuqa mill-attur. Inoltre mix-xhieda ta' Mark Asciak jirrizulta illi din l-allegazzjoni kienet saret mill-assikurazzjoni tal-konvenuta qabel ma bdiet il-kawza u ghalhekk huwa kemmxejn stramb kif din l-eccezzjoni ma gietx sollevata immedjatament u kellha tigi sollevata biss fis-seduta ta'l-14 ta' Ottubru 2002.

Illi l-konvenuta fl-ebda mument ma tichad illi l-vettura ta'l-attur kienet prezenti dak in-nhar fit-triq u inoltre tammetti illi filwaqt illi kienet hierga mill-garaxx kienet osservat illi kien hemm vettura ghaddejja minn warajha. Dana setghet tikkonstatah mill-mirja meta hija tghid illi waqqfet fid-*drive-in* sabiex tirrangahom qabel ma kompliet hierga mill-garaxx. Illi ghalhekk huwa possibbli, wiehed jistaqsi, illi l-attur ivvinta dan l-incident jew li dan kien biss frott ta'l-imaginazzjoni tieghu?

Illi l-attur jikkontendi illi l-hsara fil-vettura tieghu giet ikkagonata f'dan l-incident u li qabel il-vettura tieghu ma kellha l-ebda hsara. Huwa ikkonfronta lill-konvenuta dak il-hin stess, u meta il-konvenuta u zewgha baqghu jirrifjutaw li igibu pulizija, huwa mar immedjatament l-ghassa u ghamel ir-rapport, u dana kif jirrizulta ukoll mix-xhieda tas-surgent Agius illi investiga l-kaz.

Illi min-naha l-ohra jirrizultaw diversi inezatezzi u nofs veritajiet kemm fix-xhieda tal-konvenuta kif ukoll tar-ragel taghha:

1. Illi kemm l-konvenuta kif ukoll zewgha baqghu jinsistu ma'l-attur li ma redux igibu il-pulizija, u l-konvenuta telqghet tigri minn fuq il-post ghaliex sostniet illi riedet twassal it-tifel ghal lezzjoni tal-pjanu.
2. Illi ghalkemm l-konvenuta ghall-ewwel tghid illi marret l-ghassa tal-pulizija minn jeddha jirrizulta sussegwentement illi hija fil-fatt marret l-ghassa ghaliex kienu cemplulha il-pulizija u qalulha li xtaqu ikelmuha.

3. Ghalkemm l-konvenuta u zewgha ighidu illi kellmu lil certu WPC 185, u anke wrewha l-vettura taghhom, izda meta dina telghet tixhed stqarret illi ma tiftakarx dan l-incident u li hija ma kenitx il-persuna li hadet ir-rapport. Fil-fatt is-surgent Agius jikkonferma illi kien hu li kellem il-konvenuta.
4. Filwaqt illi l-konvenuta tghid illi l-vettura lehhqet harrget mill-garaxx tant illi l-parti ta' wara taghha kienet diga qed tmiss mat-triq, zewgha jishaq fix-xhieda tieghu illi l-vettura kienet ghadha lanqas qabbzet il-bankina.
5. Inoltre ghalkemm l-konvenuta u zewgha ighidu illi l-vettura taghhom ma kien fiha l-ebda hsara mir-ritratt Dokument SC4 jidher illi hemm xi brix hafif fuq il-*bumper* in-naha tax-xellug.
6. Huwa kemmxejn stramb kif ir-ragel tal-konvenuta lanqas indenja ruhu jivverifika l-hsara li l-attur beda jallega li kellu fil-vettura tieghu, ghalkemm il-konvenuta tikkonferma illi l-hsara fil-vettura ta'l-attur kienet ratha.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-verzjoni moghtija mill-attur hija wahda iktar verosimili u kredibbli u ghandha tigi emmnuta. Illi l-kawza prossima ta'l-incident stradali mertu tal-kawza ghalhekk kienet in nuqqas ta' attenzjoni min-naha tal-konvenuta li qabbdet u harrget mid-*drive way* tal-garaxx taghha, li qieghda ghat-telgha, minghajr ma ikkalkulat jekk illi l-vettura misjuqa mill-attur kenitx lahhqet ghaddiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati minnha jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm198.33), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------